MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2012

Rikors Numru. 376/2011

A B

-vs-

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-14 ta' April, 1984 u sseparaw b'kuntratt notarili tat-18 ta' Lulju, 2005 kif sussegwentement mibdul b'kuntratt tat-23 ta' Gunju, 2011 (in atti Not Joseph Abela);

Illi l-partijiet ilhom ghalhekk legalment separati ghal aktar minn sitt snin waqt li ilhom jghixu mhux flimkien ghal sena u nofs ohra oltre s-sitt snin imsemmija;

Illi m’hemmx tama li l-partijiet jirrikonciljaw;

Illi l-esponenti jhallas religjozament il-manteniment kemm ghall-mara u kemm ghall-ulied;

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tippronunzja il-hall taz-zwieg ossija divorzju ikkontrattat bejn il-partijiet ai termini ta’ l-Artikolu 66D tal-Kodici Civili nostran;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Novembru 2011;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha huwa issottomettiet :

Illi huwa minnu illi il-partijiet iżżewġu nhar l-14 ta’ April 1984, u sseparaw permezz ta’ kuntratt in atti in-Nutar Joseph Abela tat-18 ta’ Lulju 2005 (eżebit), kif sussegwentement mibdul b’att ta’ l-istess Nutar tat-23 ta’ Ġunju 2011. (Jigi dikjarat illi il-verzjoni esebita mir-rikorrenti mhix kompluta stante li t-tieni pagna hija nieqsa, - ghalhekk din il-parti tipprometti li sa s-seduta li jmiss topproduci kopja legali tieghu).

Illi huwa ukoll minnu illi il-partijiet ilhom għalhekk legalment separati għal iktar minn sitt (6) snin waqt li ilhom ma jgħixux flimkien għal madwar seba’ (7) snin u nofs.

Illi huwa minnu illi m’hemmx tama li l-partijiet jirrinkonċiljaw.

Illi huwa wkoll minnu illi ir-rikorrenti qiegħed iħallas reliġjożament il-manteniment dovut lill-esponenti u lill-minuri D B, u dan skont id-dispożizzjonijiet tal-atti suindikati.

Illi għalhekk jeżistu raġunjijet validiti ai termini tad-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta’ Malta sabiex jiġi ppronużjat id-divorzju bejniethom.

Għaldaqstant in vista tas-suespost l-esponenti m'għandha l-ebda oġġezzjoni għat-talba tar-rikorrenti, b'dan illi jibqa' jitħallas lilha il-manteniment tagħha kif stabbilit fil-atti suindikati tat-18 ta' Lulju 2005, u l-emenda tat-23 ta' Ġunju 2011, u dan dejjem skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi li tirregola d-divorzju, kif ukoll dak tal-minuri D B sakemm tilħaq l-eta ta' tlieta u għoxrin (23) sena, u dan taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 3B tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi l-esponenti m'għandha tbati l-ebda spejjeż ta' din il-proċedura.

Semghet ix-xiehda tal-partijiet;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u il-provi li gew prodotti;

Rat l-atti tal-procediment;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti rat illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-kundizzjonijiet mehtiega mill-Ligi ghad-divorzju gew sodisfatti u dana peress illi irrizulta l-konjugi isseparaw permezz ta' kuntratt notarili datat 18 ta' Lulju 2005;

Illi Qorti rat ukoll illi irrizulta illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ir-rikorrenti dejjem hallas il-manteniment dovut lill-intimata u lill-ulied minuri;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------